# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' April, 2001**

**Numru**

**Att ta' Akkuza Nru. 3/97**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Carmel Attard**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mill-akkuzat misjub hati u kkundannat fuq ammissjoni propja mill-Qorti Kriminali mill-Onorabbli Qorti Kriminali fis-7 ta' Ottubru, 1998, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza 3/97;

Semghet, fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 1998, l-ammissjoni ta' Carmel Attard ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-imsemmi Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li din il-Qorti

wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha u jekk irid jerga' lura minnha;

Tiddikjara lill-imsemmi Carmel Attard hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza;

Tiddikjarah ukoll hati talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan skond it-tieni kap tal-imsemmi Att;

U aktar, tiddikjarah recidiv fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali; u dan skond iz-zewg kapi tal-Att ta' Akkuza;

Semghet lill-Avukat Dott. Adrian Delia ghall-hati u lid-Deputat Avukat Generali Dott. Silvio Camilleri dwar il-piena fl-udjenza tal-lum; rat l-atti relevanti; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-hati; hadet in konsiderazzjoni l-linji gwida minnha stess enuncjati fis-sentenza tal-24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni;

Rat l-Artikoli 17(h), 22, 41(1)(a), 49, 50, 211 u 212 tal-Kodici Kriminali; l-Artikoli 2,13 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 66; kif ukoll l-Artikolu 31 tal-imsemmi Kodici Kriminali qabel l-emendi introdotti bl-Att XV1 tal-1996u l-Artikolu 533 tal-istess Kodici;

Tikkundanna lill-imsemmi Carmel Attard ghall-piena ta' erbatax (14) il-sena prigunerija li minnu ghandu jitnaqqas il-periodu li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz; il-Qorti ma taghmel ebda ordni ghall-hlas tal-ispejjez peritali".

In realta', kif ser jinghad, pero', l-appell jirrigwarda wkoll zewg decizjonijiet ohra li kienu nghataw mill-istess Onorabbli Qorti Kriminali fl-istess gurnata qabel ma ppronunzjat is-sentenza ta' htija u kundanna mertu ta' dan l-appell. Dawn id-digriet ser jigu riprodotti aktar 'il quddiem kull fejn jokkorri u meta jkun qed jigi kkonsidrat l-appell inkwantu jirrigwardahom.

L-appell gie interpost min Carmel Attard permezz ta' rikors ipprezentat fit-28 ta' Ottubru, 1998, li bih interpona appell:-

1. Mid-digriet tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 1998, fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi fejn il-Qorti Kriminali l-ewwel xoljiet il-guri fil-konfront ta' l-

akkuzat Ian Farrugia u sussegwentement laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' l-appellant odjern;

2. Minghajr pregudizzju interponiet appell mid-digriet tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 1998, fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi fejn din cahdet it-talba tieghu li jiehu konjizzjoni tad-deposizzjoni ta' Nicholas Jensen li kienet inghatat bil-maghluq fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 1998;

3. Di piu', u wkoll minghajr pregudizzju, interpona appell mid-digriet tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 1998, fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi fejn cahdet it-talba tieghu li jbiddel it-twegiba ta' htija tieghu ghal wahda ta' mhux hati; u

4. Finalment u minghajr pregudizzju interpona appell mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 1998, fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi, fejn dik l-istess Qorti ddikjaratu hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' 14-il sena prigunerija li minnhom kellu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel that arrest preventiv;

Konsegwentement talab li din il-Qorti joghgobha tezercita s-setghat moghtija lilha fl-artikolu 501, 506, 507 u 508 tal-Kap 9 u tordna li l-appellant jerga' jigi processat, jew alternattivament minghajr pregudizzju tirriforma s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali minnu appellata f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena inflitta.

Fil-fehma ta' din il-Qorti hu utli li l-appell jigi konsidrat fid-diversi partijiet tieghu separatament u seriatim. Konsegwentement sejra tibda bl-ewwel parti ta' l-appell, u cioe', dik il-parti li permezz taghha qieghed jappella mid-digriet ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 1998 fejn wara li xoljiet il-guri fil-konfront ta' l-akkuzat Ian Farrugia sussegwentement laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni u akkordat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' l-appellant odjern.

Jirrizulta mill-verbali tal-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti li f'certu hin, fil-gurnata ta' l-Erbgha, 7 ta' Ottubru, 1998, l-ewwel Onorabbli Qorti,

> "Wara li semghet id-dikjarazzjoni ta' l-avukati Dr. Jose' Herrera u Dr. Joseph Giglio, registrata aktar kmieni dal-ghodu, li biha huma, ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess dikjarazzjoni, irrinunzjat ghall-patrocinju ta' l-akkuzat;
>
> Wara li rat id-digriet taghha li bih innominat lill-avukat Dr. Peter Borg Costanzi bhala difensur ta' l-istess akkuzat;
>
> Wara li semghet lill-imsemmi avukat difensur u lid-Deputat Avukat Generali;

> Peress li mhux possibbli f'dan l-istadju li jitkompla l-guri ta' Ian Farrugia minghajr ma jigi pregudikat serjament id-dritt tieghu li jkollu difiza xierqa, u dan peress li mhux possibbli li l-avukat appena inkarigat mill-Qorti jkollu access fi zmien qasir ghat-traskrizzjoni tal-provi kollha li nstemghu sa issa;
>
> Ixxolji l-guri fil-konfront ta' l-akkuzat Ian Farrugia u tordna li l-guri tieghu jerga' jsir mill-gdid f'data li tigi stabbilita aktar 'il quddiem, u tirrizerva d-dritt kemm ta' l-akkuzat, kif ukoll tal-prosekuzzjoni li jipproducu, skond u sa fejn tippermetti l-ligi, bhala prova f'dak il-guri l-gdid, id-deposizzjonijiet li nghataw f'dan il-guri li qed jigi xolt.
>
> Il-Qorti tordna ghall-finijiet tal-kustodja ta' l-akkuzat,  li huwa jerga' jitqieghed fl-istat li kien fih immedjatament qabel il-bidu tal-guri.
>
> Il-Qorti tilqa' wkoll it-talba tal-prosekuzzjoni u tordna wkoll is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' Carmel Attard, u ghalhekk tordna lill-istess Carmel Attard jingieb quddiemha sabiex il-Qorti tipprocedi ulterjorment fil-konfront tieghu".

Immedjatament qabel ma nghata dan id-digriet li bih gie degretata s-separazzjoni tal-gudizzju, hemm registrata t-talba ta' Dr. Silvio Camilleri, Deputat Avukat Generali, ghas-separazzjoni tal-gudizzju ta' Carmel Attard u ma hemmx indikat illi kien hemm xi oppozizzjoni ghal din it-talba.

L-appellant qed jissottometti bhala aggravju ta' l-appell tieghu fir-rigward ta' dan id-digriet illi gialadarba l-guri fih innifsu gie xolt, u gialadarba kien qed isir guri wiehed, allura x-xoljiment tal-guri igib bhala konsegwenza guridika l-fatt li anke fil-konfront tieghu, jigifieri ta' l-appellant odjern, il-guri kien qed jigi xolt. Illi ghalhekk ma setghetx l-Onorabbli Qorti Kriminali l-ewwel ixxolji l-guri ta' Ian Farrugia, imbaghad tordna s-separazzjoni tal-gudizzju.  Semmai messha l-ewwel ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju, imbaghad tghaddi biex ixxolji l-guri fil-konfront ta' Ian Farrugia, haga li l-ewwel Qorti m'ghamlitx u dan kif jirrizulta ampjament mid-digriet imsemmi.

Illi frankament din il-Qorti ma tistax tifhem is-sens ta' dan l-aggravju, ghaliex fis-sistema legali taghna is-separazzjoni tal-gudizzju hija mizura li tiddependi mill-volonta', fl-ewwel lok, ta' l-Avukat Generali u li fiha il-Qorti Kriminali, kif del resto anqas il-Qorti tal-Magistrati, ma ghandha diskrezzjoni.  L-Avukat Generali mhux marbut bil-ligi meta jista' jaghmel talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju, u, f'dan il-kaz partikolari, certament ma kien hemm xejn illi jorbtu, jobbligah, li jitlob is-separazzjoni tal-gudizzju kif appena Ian Farrugia ddecieda li jikkontesta l-akkuza migjuba kontrih u mhux wara li gie xolt il-guri tieghu.  It-talba setghet saret kemm fil-hin li qed jippretendi l-appellant, kif ukoll fil-hin li

effettivament saret, pero' il-fatt li saret fl-ahhar wiehed minn dawn iz-zewg okkazzjonijiet u mhux f'ta' l-ewwel ma jirrendix id-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali irregolari ghaliex it-talba setghet issir f'dak il-mument u kien sewwa li ssir f'dak il-mument u kien regolari li l-ewwel Qorti takkorda s-separazzjoni tal-gudizzju meta akkordatha. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellanti jinterponi appell mid-digriet ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 1998, fejn hija cahdet it-talba tieghu li jiehu konjizzjoni tad-deposizzjoni ta' Nicholas Jensen li kienet inghatat bil-maghluq fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 1998.

Qabel ma tikkummenta fuq dan l-aggravju din il-Qorti ser tirriproduci d-digriet relativ moghti mill-ewwel Onorabbli Qorti ghaliex, apparti l-utilita' tieghu fin-normalita' tal-proceduri, jservi wkoll bhala spunt ghal dak li ser tghid din il-Qorti fir-rigward. Id-digriet relattiv huwa dan li gej:-

> "Il-Qorti,
>
> Semghet it-talba tal-hati li talab li jiehu konjizzjoni tax-xhieda li nghatat il-bierah ta' Nicholas Jensen;
>
> Semghet il-verbal registrat mid-Deputat Avukat Generali Dott. Silvio Camilleri;
>
> Ikkunsidrat:
>
> Illi l-istadju li fih jinsabu l-proceduri fil-konfront tal-hati Carmel Attard huwa dak indikat fit-tieni parti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 453 tal-Kodici Kriminali, u cioe' l-istadju li fih, wara li l-gudikabbli jkun stqarr li hu hati tar-reat, wara li jkun gie mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni, u wara li jkun inghata zmien biex jahsibha u jekk irid jerga' lura minnha, u wara li hu jkun ippersista fl-ammissjoni tieghu u dik l-ammissjoni tkun giet registrata – affarijiet dawn li saru kollha fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 1998 meta l-gudikabbli kien, kif inhu llum ukoll, assistit legalment – il-Qorti tghaddi biex taghti s-sentenza skond il-ligi a bazi ta' dik 'l hekk imsejjha "judicial confession", u dan wara li l-Qorti tisma' sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-piena mitluba mill-Avukat Generali bil-mod kif indikat fl-Artikolu 490 tal-Kodici Kriminali.
>
> Il-Qorti ma ghaddietx ghas-sentenza fit-28 ta' Settembru, 1998 ghax sa dak l-istadju kien ghad ma hemmx separazzjoni tal-gudizzju u, skond il-prassi dejjem adoperata minn din il-Qorti, f`kaz simili, cioe' meta wiehed jammetti u l-iehor le, is-sentenza kontra dak li jkun ammetta tinghata biss wara li fil-kaz kontra l-iehor (li ma jkunx ammetta) jigi registrat il-verdett tal-gurati, verdett li jista' jkun jew ta'

htija jew ta' liberazzjoni. F'dan il-kaz ebda verdett ma gie registrat, ghar-ragunijiet imfissra fid-digriet ta' xoljiment moghti aktar kmieni llum. Li kieku l-prosekuzzjoni ma talbitx is-separazzjoni tal-gudizzju, is-sentenza kontra Carmel Attard kien ikollha, strettament, tinghata biss fi tmiem il-guri (li ghad irid isir) ta' Ian Farrugia stat ta' fatt li kien jmur kontra l-ispirtu ta' dak li tghid il-ligi fl-Art. 491 tal-Kodici Kriminali u cioe' li l-Qorti ghandha taghti s-sentenza mill-aktar fis wara s-sottomissjonijiet fuq il-piena mitluba.

In fatti mhux l-ewwel darba ukoll li meta zewg akkuzati jidhru quddiem il-Qorti, u wiehed jammetti u l-iehor le, il-prosekuzzjoni titlob minnufih separazzjoni tal-gudizzju sabiex dak li jkun ammetta jinghata s-sentenza minnufih biex eventwalment jingieb bhala xhud kontra dak li ma jkunx ammetta. F'dak il-kaz il-guri ta' dak li ma jkunx ammetta jigi pospost ghall-wara li l-kaz ta' dak li jkun ammetta jghaddi in gudikat.

Dan kollu qed jinghad biex jigi sottolineat li s-separazzjoni tal-gudizzju mitluba mill-prosekuzzjoni dalghodu, u akkordata mill-Qorti, ma biddel xejn mill-istat guridiku li jinsab fih il-hati Carmel Attard. Dak li sar fis-smiegh tal-guri (illum xolt) ta' Ian Farrugia, ma jaghmel ebda stat fil-konfront ta' Attard, anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, l-imsemmi Farrugia gie lliberat. Ghalhekk, f`dana l-istadju tal-proceduri u fil-konfront tal-hati Carmel Attard, inghad x`inghad fil-kors tal-guri ta' Farrugia ma hu ta' ebda relevanza.

Il-Qorti tittama li ma jkollha ghalfejn qatt tiddubita mill-operat ta` avukat difensur li jkun qed jassisti akkuzat li eventwalment jammetti l-htija tieghu.

Ghall-motivi premessi, tichad it-talba tal-akkuzat u tordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri".

Kronologikament jirrizulta li dan kien proprju l-ewwel talba li ghamel l-appellant fi prim'istanza wara li saret s-separazzjoni tal-gudizzju u gie skortat il-Qorti biex jitkompla u jintemm il-kaz tieghu. Infatti jirrizulta illi dejjem fl-istess gurnata, cioe' l-Erbgha 7 ta' Ottubru, 1998, Dr. Adrian Delia ghall-hati Carmel Attard, talab li jkun f'posizzjoni li jiehu konjizzjoni tax-xhieda li nghatat il-gurnata ta' qabel ta' Nicholas Jensen, liema xhieda inghatat fi stadju fejn l-istess Carmel Attard kien ghadu ko-akkuzat ma' Ian Farrugia u fl-istadju li kienet ghadha ma saritx it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju segwita bid-digriet relattiv.

Fl-okkazzjoni ta' dik it-talba Dr. Silvio Camilleri ghall-prosekuzzjoni jirrileva li fl-ewwel lok l-istadju li kien imiss fil-konfront ta' l-akkuzat Attard kien li l-Qorti tghaddi 'l quddiem biex taghtih dik is-sentenza opportuna u ghalhekk l-unici

sottomissjonijiet li setghu isiru f'dak l-istadju mill-akkuzat kienu sottomissjonijiet dwar il-piena, u fit-tieni lok dak li sar fil-procedura tas-smiegh permezz tal-gurija kien jikkoncerna biss u unikament lill-akkuzat l-iehor Ian Farrugia anke jekk ma kienetx ghadha saret separazzjoni tal-gudizzju f'dak l-istadju.

Illi strettament din il-Qorti tara li s-sens ta' logika jirrikjedi llum, kif kien jirrikjedi dakinhar, illi sakemm hija vigenti l-ammissjoni ta' l-akkuzat Carmel Attard, l-unici sottomissjonijiet li setghu isiru proceduralment kienu dawk relattivi ghall-piena, u certament mhux ghall-htija ammenoche ma tigix qabel kontestata dik l-ammissjoni tieghu precedenti, jekk b'xi mod tista' jew setghet tigi kontestata. Issa jirrizulta mill-atti processwali li f'dik l-istess gurnata, cioe' fis-7 ta' Ottubru, 1998, l-appellant, li allura kien ghadu mhux kundannat, iddecieda li jikkontesta l-ammissjoni minnu maghmula precedentement mhux qabel ma talab li jiehu konjizzjoni tax-xhieda ta' Nicholas Jensen moghtija fil-process kontra Ian Farrugia, imma wara li effettivament l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet din it-talba u cahditielu. Kif jirrizulta anke mid-decizjoni relativa ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, dan huwa il-punt li proprju gie maghmul u enfasizzat fil-bidu nett tad-digriet taghha.

In realta' din il-Qorti thoss li apparti konsiderazzjonijiet ohra li ssemmew fil-kors tat-trattazzjoni quddiemha, hija tista' tikkonsidra l-appell ta' Carmel Attard inkwantu dirett kontra dan id-digriet li bih incahditlu t-talba tieghu li jiehu konjizzjoni tax-xhieda ta' Nicholas Jensen biss, jekk u meta jigi akkolt l-appell tieghu inkwantu dirett kontra d-digriet l-iehor ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali li cahditlu t-talba tieghu biex jirtira l-ammissjoni minnu maghmula precedentement. Dana ghaliex, kif inghad, jekk mhux il-kaz li tigi rtirata jew revokata l-ammissjoni minnu maghmula skond il-ligi fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, wara li kienet giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju, kull ma kien hemm pendenti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kienet biss u merament il-kwistjoni ta' x'piena kellha tigi nflitta fuqu in segwitu ghall-ammissjoni minnu maghmula precedentement u xejn aktar. Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija tista' tirritorna fuq dan l-aggravju biss jekk aktar 'il quddiem hija ser takkolji l-appell inkwantu dirett ghad-decizjoni l-ohra imsemmija fejn ma gietx milqugha t-talba tieghu biex jirtira l-ammissjoni.

Ikkonsidrat:-

Fit-tielet lok l-appellant jinterponi appell mid-digriet ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 1998, inkwantu din cahditlu t-talba tieghu ghal wahda ta' mhux hati. Qabel tghaddi ghas-sottomissjonijiet relattivi tieghu in sostenn ta' dan l-aggravju din il-Qorti ser tirriproduci verbatim id-digriet ta' l-ewwel Qorti li qed jigi kontestat. Id-digriet appellat jaqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Semghet il-verbal registrat a nom il-hati mill-avukat Dott. Adrian Delia li permezz tieghu talab li l-klijent tieghu, Carmel Attard, ikun jista' jirtira l-istess twegiba ta' ammissjoni ta' htija;

Semghet ukoll il-verbal registrat mill-prosekuzzjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet ulterjuri ta' Dott. Adrian Delia u tad-Deputat Avukat Generali;

Ikkonsidrat:

Dak li prattikament qed jitlob il-hati hu li jirtira l-ammissjoni ta' htija, minnu registrat fit-28 ta' Settembru, 1998. Il-ligi taghna ma tikkontemplax espressament tali sitwazzjoni izda b`analogija mal-prassi adoperata fil-Qrati Inglizi, wiehed jista' jghid li ammissjoni gudizzjarja, biex tkun valida, trid tkun volontarja. L-iskop kollu tal-procedura – procedura li certament giet segwita f`dan il-kaz – delineata fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 453 hu sabiex tassigura proprju din il-volontarjeta'. In fatti din il-Qorti jekk, minkejja l-ammissjoni, ikollha raguni tajba biex tiddubita jekk ir-reat in genere kienx tassew gie maghmul jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat, hi ghandha addirittura tirrifjuta tali ammissjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza bhallikieku l-akkuzat wiegeb li mhux hati (ara, l-Art. 453 (2) tal-Kodici Kriminali). Din il-Qorti la kellha u anqas ghandha raguni tajba biex tiddubita f'dan is-sens.

Kwantu ghall-volontarjeta' ta' ammissjoni gudizzjarja, tali volontarjeta' tigi nieqsa ghall-istess ragunijiet li konfessjoni extra-gudizzjarja ma tkunx ammissibbli u cioe' jekk dik il-konfessjoni tkun giet imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi. Fil-ligi taghna, u fuq l-iskorta tal-"common law" Ingliza, it-test ta' jekk konfessjoni hix ammissibbli jew le gie dejjem formulat hekk:

"… a statement obtained by fear of prejudice or hope of advantage excited or held out by a person in authority…" tkun stqarrija jew konfessjoni mhux ammissibbli (ara, Blackstone's Criminal Practice, 1991, para. F17.1).

F'dan il-kaz, meta Attard irregistra l-ammissjoni tieghu fit-28 ta' Settembru, 1998, ittiehdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jigi assigurat li ma jkun hemm ebda "person in authority" (inkluza naturalment l-istess Qorti) li b'xi mod tinfluenza d-decizjoni tieghu li jammetti. Il-Qorti, naturalment, ma teskludix li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn konfessjoni gudizzjarja tigi invalidata minhabba cirkostanzi ohra, bhal per ezempju jekk minhabba mard jew drogi l-gudikabbli ma jkunx

> fehem, minkejja l-assitenza legali u t-twissija tal-Qorti, il-portata tal-ammissjoni tieghu; izda, kif jinghad f`Archbold (1997):
>
> "If the defendant pleads guilty, and it appears to the satisfaction of the judge that he rightly comprehends the effect of his plea, his confession is recorded and sentence is forthwith passed, or he is removed from the bar to be again brought up for judgement" (para. 4-104).
>
> Il-Qorti ma tistax tiehu b`leggerezza talba sabiex l-ammissjoni maghmula bil-kawteli kollha u debitament registrata u meqjusa bhala invalida. U fi kwalunkwe kaz din il-Qorti mhix kompetenti, f`dana l-istadju, li tindaga dwar l-allegazzjonijiet ta' theddid imsemmija fil-verbal appena registrat. Dak li tista' tghid il-Qorti hu li ma jirrizultalhiex li meta Attard ammetta quddiemha fit-28 ta' Settembru, 1998, dik l-ammissjoni ma kienitx wahda volontarja skond il-ligi.
>
> Ghal dawn il-motivi, ma tistax takkolji t-talba tal-istess Attard biex jirtira l-ammissjoni minnu registrata, u qed tichadha; tordna lill-Avukat difensur Dottor Delia jghid jekk ghandux sottomissjonijiet x`jaghmel skond l-Artikolu 490 tal-Kodici Kriminali".

L-appellant, in sostenn tat-talba tieghu ghar-revoka ta' dan id-digriet jissottometti li fl-istess talba tieghu lill-ewwel Onorabbli Qorti, huwa informaha li meta ghamel l-istqarrija, jew ammissjoni tieghu, huwa kien fi stat ta' mohh mahkum minn biza, theddid personali, fiziku, morali, reali u attwali.

Illi fir-risposta taghha ghat-talba tieghu, il-prosekuzzjoni sostniet biss li kienet immeraviljata kif il-biza u theddid kien sfuma fix-xejn f'daqqa wahda appena l-Qorti giet biex taghti s-sentenza u ghamlet riferenza li matul il-procedimenti kollha l-appellanti kien assistit legalment.

L-appellant jissottometti li l-prosekuzzjoni evidentement insiet, kif ukoll anke l-ewwel Onorabbli Qorti nsiet, illi l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu taht l-artikolu 436 (3) (c) li ghandu jsir dak kollu li m'huwiex ipprojbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita', kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhrilha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita'. Huwa jirreferi wkoll ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 453 (2) tal-Kodici Kriminali nkwantu jirrigwarda l-Qorti Kriminali.

L-appellant jissottometti li kull ma qalet l-ewwel Onorabbli Qorti dwar jekk il-ammissjoni maghmula minnu fit-28 ta' Settembru, kienetx wahda volontarja, jew le, kien li ma teskludiex il-fatt li konfessjoni gudizzjarja tigi invalidata minkejja l-assistenza legali u t-twissija tal-Qorti, u li fit-tieni lok, meta saret dik l-ammissjoni fit-28 ta' Settembru, 1998, ma rrizultalhiex li kienet wahda mhux volontarja. Fit-tielet lok qalet ukoll li ma kienx kompitu taghha li tindaga dwar l-

allegazzjonijet ta' theddid imsemmi fil-verbal registrat. L-appellant jissottometti fir-rigward li hu ma jippretendix li l-ewwel Qorti kellha tindaga, izda illi fic-cirkostanzi kien ikun ferm opportun li tezercita d-diskrezzjoni taghha taht l-artikoli msemmija. Partikolarment huwa jissottometti, specjalment fir-rigward tar-ragonamenti tal-prosekuzzjoni, li l-kuncett ta' konsulenza legali la tqajjem u lanqas ma ghandu ebda rilevanza meta wiehed qed jitkellem fuq il-biza u theddid li jkun prezenti f'mohh dak li jkun, kif kien f'dan il-kaz f'mohh l-appellant. Meta wiehed bl-ikbar serjeta' jifhem, jew jipprova jifhem l-konsistenza tal-mohh uman, u dan f'cirkostanzi xejn felici u fil-gravita' ta' sitwazzjoni bhal dik odjern, l-istat ta' biza', u t-theddid, bl-ebda mod dan ma jista' jigi mqabbel, ipparagunat jew imnaqqas, mal-fatt jekk kienx hemm assistenza legali jew jekk inghatawx twissijiet min-naha tal-Qorti dwar is-serjeta' ta' tali ammissjoni.

L-appellant jissottometti wkoll illi jekk it-tezi f'dan il-kaz hija kollha bazata u fil-fatt id-digriet appellat inghata abbazi ta' ammissjoni ta' reat li huwa stess fl-ewwel stqarrija tieghu kien stqarr li kkommetta ghax kien imgieghel, imbezza u furzat biex jaghmel, allura kien kredibbli wkoll li bniedem jasal biex jikkommetti reat ta' dik il-portata ghax beza', hu mbaghad ma jitwemminx jew ma tittehidx in konsiderazzjoni t-talba li s-sottomssjoni tieghu li wiehed ammetta fil-kors tal-guri ghax beza'. L-appellant jissottometti li m'hemmx sens f'li wiehed jghid li tali allegazzjoni ma setghax jittiehed kont taghha.

Finalment l-appellant jissottometti li fil-konfront ta' dak li kkonsidrat u ddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti jidher li ghalkemm iddikjarat li ma tistax tiehu b'leggerezza talba sabiex ammissjoni maghmula tigi rtirata, waslet ghall-konkluzzjoni li ma kellhiex raguni tajba biex tiddubita f'dan is-sens. Dana meta, kif jispjega l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, kien ghadu kif appena ddimostra l-volonta' tieghu li jbiddel it-twegiba tieghu, u spjega wkoll ghalfejn, ghal wahda ta' mhux hati. Din wahedha kellha tkun raguni, tajba bizzejjed, biex il-Qorti almenu tiddubita dwar l-ammissjoni tieghu. Minflok l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li tassimilha u tizhen il-kuncett tal-volontarjeta' mhux tant ma' l-istat ta' mohh rejali ta' l-appellant fl-istadji diversi ta' l-istqarrijiet u ammissjonijiet tieghu, izda aktar mal-fatt li dan gie mwissi ghal darba darbtejn dwar tali ammissjoni.

Illi hu evidenti li l-ewwel Onorabbli Qorti, kif ser jigi spjegat, mhux biss iddecidiet tajjeb, imma li fic-cirkostanzi ma setghetx tiddeciedi mod iehor, u allahares iddecidiet mod iehor ghaliex kienet tohloq incertezza u konfuzjoni tali fis-sistema guridiku penali taghna, li kien ikun ta' perikolu kontinwu.

Fis-sistema penali taghna hadd m'huwa obbligat illi jammetti l-htija tieghu kemm jekk hu akkuzat quddiem il-Qrati tal-Magistrati, kif ukoll jekk permezz ta' Att ta' Akkuza quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali. Is-sistema legali taghna mhux biss tipprovdi ghal protezzjoni ta' l-akkuzat billi fl-ewwel lok tipprezumih innocenti sakemm misjub hati, imma taghmilha tassattiva li jekk ikun jixtieq

ikun difiz permezz ta' avukat li jaghzel hu, li jekk m'ghandux mezzi biex jipprokura avukat dan jigi provdut lilu, u li, anke jekk wara li jinqrawlu l-akkuzi migjuba kontrih huwa jiddeciedi li jammetti, il-Qorti li tkun ma tistax tghaddi biex tirregistra dik l-ammissjoni ta' htija qabel ma twissih serjament dwar il-konsegwenzi li ggorr maghha tali ammissjoni, tispjegalu dak li hu necessarju li jigi spjegat, u ttih zmien wara li tistiednu biex jahsibha mill-gdid biex jara jekk iridx isostni l-ammissjoni tieghu jew jekk jippreferix illi jirtira dik l-ammissjoni u jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih, in toto jew in parte.

Dan kollu qieghed fil-Kodici Kriminali ghaliex il-gustizzja hekk tirrikjedi, u certament id-disposizzjonjiet relativi jezistu fil-Kodici Kriminali taghna biex tigi tutelata il-gustizzja fil-process kriminali u anke d-drittijiet ta' l-akkuzat.

Kif inghad l-akkuzat li jkun huwa liberu li jirrispondi jekk hux hati jew le ghall-akkuzi migjuba kontrih, u anke li ma jirrispondix. Pero' ma tistax tigi tollerata sistema fejn l-akkuzat li jkun, wara li jammetti u jirribadixxi l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti tkun tatu l-monitu rikjest ta' l-artikolu 453 (1) tal-Kodici Kriminali jerga' jibdielu u jitlob li jirtira l-ammissjoni tieghu bhallikieku qatt ma kien xejn sakemm ma jkunx hemm vrament raguni valida li tipprevali. Wisq u wisq aktar din il-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn l-appellant jippretendi li jgib il-quddiem pretest li abbazi tieghu jitlob li jkollu l-facilita' jew il-fakolta' li jirtira l-ammissjoni tieghu debitament maghmula u registrata minghajr ma, almenu, igib prova li dik l-ammissjoni hija nficjata minn xi fattur serju daqstant li legalment il-Qorti tkun obbligata li tiehdu in konsiderazzjoni.

Aktar milli fil-fatt hu rilevanti f'dan il-kaz jekk l-appellant kienx assistit mill-avukat tieghu fil-kors kollu tal-proceduri, u aktar milli hu mportanti l-fatt illi l-ammissjoni saret wara li nghata l-monitu u z-zmien mill-Qorti msemmija fl-artikolu msemmi, huwa determinanti l-fatt illi l-appellanti semplicement ghamel allegazzjoni li l-ammissjoni tieghu saret fi stat ta' agitazzjoni tal-mohh meta hu kien ihossu mhedded u mbezza', f'cirkostanzi fejn ma hemm xejn x'jindika li dan kien hekk, u meta m'huwiex qieghed joffri prova, zghira kemm hi zghira, ta' daqshekk, anqas ta' l-istess xhieda tieghu. Hu ovvju li tkun qed taghmel zball kbir din il-Qorti, kif kienet tkun ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, kieku fuq is-semplici sottomissjoni ta' l-appellant, f'mument fejn kien jaqbillu jghid hekk, cioe', li l-ammissjoni tieghu hu kien ghamilha ghax kien imbezza', il-Qorti tghaddi biex takkolji t-talba tieghu biex tigi kancellata l-ammissjoni debitament maghmula u registrata skond il-ligi bhallikieku din qatt ma saret.

L-istess attegjament gie segwit anke f'din l-istanza u l-appellant, flok sostna t-tezi tieghu ghala l-ewwel Qorti – u okkorrendo din il-Qorti – ghandhom johduh bis-serjeta' fl-allegazzjoni tieghu li l-ammissjoni minnu maghmula fi prim'istanza kienet wahda inkwinata minn vjolenza morali u mentali, u mill-biza' li minnu kien mahkum, ipprezenta ruhu bhala vittma, bhala persuna li se tehel intortament ta' dak li wara kollox hu stess ammetta! L-appellant messu jifhem li allahares dawn il-qrati jaslu fl-istat li jridhom hu, u cioe', li fuq mera

allegazzjoni, konvenjentement, ihassru u jikkonsidraw bhallikieku inezistenti ammissjonijiet maghmula u registrati legalment u kif titlob il-ligi. Iktar minn hekk din il-Qorti m'hijiex disposta li tghid. Tifhem li l-appellant f'certu hin wara li evidentement xi hadd kien tarraflu xi informazzjoni fuq ix-xhieda ta' Nicholas Jensen, u wara li seta' intravveda xi possiblita' li s-sorte, id-destin tieghu, jista' jidbiddel, approfitta ruhu mis-sitwazzjoni, cioe', ipprova jiehu vantagg minnha u pprova isib mezz kif jirtira mill-isqaq li kien pogga lilu nnifsu go fih minhabba l-ammissjoni tieghu, pero', dan mhux il-mod kif dan isir; dan hu metodu li addotta l-appellant li din il-Qorti semplicement ma tistax tissanzjona, u li trid tittratta mieghu bl-uniku mezz li l-ligi tipprevedi. Madankollu m'huwiex qed jinghad li dejjem, u c'kull cirkostanza, ammissjoni debitament maghmula u registrata ma tistax tigi ritrattata ghax jista' jkun hemm cirkostanzi fejn anke l-istess Qorti li tkun semghet dik l-ammissjoni ghal darba darbtejn tiddeciedi, kif hemm provdut fit-tieni paragrafu ta'l-artikolu msemmi, illi ma tiehux kaz taghha u li tmexxi bil-provi. Fil-kaz prezenti pero', l-appellant talab izzejjed u talab l-impossibbli.

Minhabba dak li ghadu kif inghad fir-rigward ta' l-appell, inkwantu jirrigwarda d-digriet ta' l-ewwel Qorti li cahad it-talba ta' l-appellant li jbiddel it-twegiba ta' htija tieghu ghal wahda ta' mhux hati, isegwi li m'huwiex il-kaz illi din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni jekk ghandhiex tintlaqa' t-talba tieghu ghar-revoka wkoll tad-digriet l-iehor precedenti fejn giet michuda t-talba tieghu li jiehu konjizzjoni tad-deposizzjoni ta' Nicholas Jensen, ghaliex evidentement dik it-talba setghet tigi konsidrata u akkolta biss una volta kien ser jerga' jinfetah il-kaz mill-gdid, li certament, issa kif gie spjegat, mhux il-kaz.

Fl-ahharnett l-appellant jappella mill-piena inflitta fuqu mill-ewwel Onorabli Qorti. Fir-rikors ta' l-appell ftit li xejn hemm fuq hekk, pero' fil-kors ta' trattazzjoni l-appellanti ghamel xi sottomissjonijiet fir-rigward. Din il-Qorti hadet l-istess sottomissjonijiet in konsiderazzjoni u ma jidhrilhiex li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti timmerita li tigi disturbata.

Konsegwentement, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fit-totalita' taghha.

Dep/Reg
mm